MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 146/2010

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 1264/10 fl-ismijiet :**

**Joseph Attard (ID No. 728952M)**

**vs**

**Roque Polidano (ID No. 578362M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Roque Polidano li bih wara li ppremetta :

1. Illi fil-konfront tal-esponent gie mahrug u ezegwit il-mandat ta' qbid kawtelatorju illi fl-atti tieghu qed jigi pprezentat dan l-umli rikors.

2. Illi fl-ezekuzzjoni ta' dan il-mandat gie maqbud vann tal-ghamla 'Isuzu' bin-numru ta' registrazzjoni 'CBQ-

729’, liema vann gie mqieghed f’idejn il-kunsinnatarju Victor Psaila.

3. Illi l-esponent jopponi ghall-elevazzjoni ta’ din il-vettura u t-tqeghid taghha f’idejn il-kunsinnatarju ghal zewg ragunijiet –

(i) fl-ewwel lok, l-esponent jahdem bhala bennej u din il-vettura, li huwa vann tax-xoghol, hija essenzjali sabiex huwa jkompli jahdem u jaqla’ l-ghixien tieghu u ghall-familja ;

(ii) fit-tieni lok, l-esponent mhuwiex it-titolarju legali tal-imsemmi vann illi gie maqbud u elevat illi ghall-kuntrarju huwa certu Carmel Montebello, u dan kif jirrizulta mill-annessa dokumentazzjoni mar-rikors li qed giet immarkata bhala ‘Dok. A’.

4. Illi bil-hrug u l-ezekuzzjoni bl-elevazzjoni ta’ dan il-mandat ta’ qbid kawtelatorju, l-esponent sofra u qieghed isofri pregudizzju enormi ghaliex huwa effettivament prekluz milli jkompli jaqla’ l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi, taghti dawk l-ordnijiet kollha mehtiega u opportuni sabiex jigu mnehhija l-effetti tal-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju in kwistjoni billi l-vann tal-ghamla ‘Isuzu’ bin-numru ta’ registrazzjoni ‘CBQ-729’ illi gie maqbud, elevat u mpoggi fil-pussess tal-kunsinnatarju jigi ritornat fil-pussess tal-esponent, u dan dejjem salv kull ordni u provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jihrilha li jkun l-aktar xieraq u opportun.

Kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 6 tal-istess atti.

Rat il-mandat in esami a fol 8 et seq ibid kif ukoll ir-rikors anness go fih.

Rat il-verbal tal-ezekuzzjoni tal-istess mandat (fol 11 ibid) u tal-elevazzjoni tal-vettura in kwistjoni.

Rat id-digriet taghha preleminari moghti fit-30 ta' April, 2010 (fol 7 ibid).

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 17 et seq ibid) u li biha espona bir-rispett :

Illi r-rikors tal-intimat ezekutat ghandu jigi michud, u dan ghar-ragunijiet segwenti :

1) Illi fl-ewwel lok dwar is-*sorte* reklamat mir-rikorrent Joseph Attard fl-istess mandat, l-intimat konvenjentement ma jsemmi xejn. L-intimat ilu xhur iwieghed li se jhallas l-ammont dovut minnu, u anke' intrabat bil-miktub li ser ihallas dan l-ammont. Sal-lum pero' l-intimat baqa' jghaddi lir-rikorrent biz-zmien. Jigi rilevat ukoll li l-intimat hu debitur ta' diversi persuni, fosthom id-Dipartiment tal-VAT, fejn l-intimat sahanistra instab hati ta' frodi flimkien ma' diversi persuni ohra li kienu tressqu ftit tax-xhur ilu dwar ir-reati serji li kienu qed isiru gewwa l-istess VAT Department ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

2) Intant biex nigu ghall-mertu tar-rikors, iz-zewg kawzali li abbazi taghhom gie intavolat ir-rikors huma kontradittorji ghal xulxin. Illi ghalkemm jistghu isiru talbiet li huma alternattivi ghal xulxin, mhumiex permessi li jsiru talbiet jew premessi konfliggenti ghal xulxin (vide sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' April, 2004 fl-ismijiet *Citazz. Nru. 934/2001 Gabriel u martu Josephine sive Guzeppa Parnis vs Joseph u martu Giovanna Cucciardi*).

3) Dan qed jinghad billi l-intimat ezekutat qed isostni, fl-istess nifs, **li l-vettura maqbuda hi l-vann tax-xoghol li bih hu jaqla' l-ghixien tieghu, u fl-istess waqt, qed jghid li l-vann mhuwiex tieghu u ghalhekk ma setax jinqabad!** Dan il-fatt wahdu juri kemm l-intimat ma jistax jittiehed b'serjeta' f'dak li qed jikkontendi.

4) F’kull kaz l-esponent ser jirribatti u jghid ghala r-rikors tal-intimat ezekutat m’ghandux jigi milqugh. Dwar li l-vann hu registrat f’isem Carmel Montebello, jirrizulta bhala fatt li l-vann hu proprjeta’ tal-intimat, u ta’ hadd izjed, ghalkemm jista’ jkun minnu li ghadha ma giex ipprezentata l-formola tat-trasferiment lil Transport Malta. Interessanti li jekk l-intimat qed jallega li hu mhuwiex is-sid tal-vann maqbud, skont ma qed jallega hu m’ghandu **l-ebda interess li jipproponi l-procedura odjerna**, billi ma tistax taghmel allegazzjoni li l-hwejjeg maqbuda mhux tieghek u fl-istess nifs titlob ir-revoka tal-mandat – *selecta una via non datur recursus ad alteram*. Illi tali talba *semmai* tispetta lill-allegat sid, u mhux lil xi hadd li qed jallega li mhux sid l-affarijiet maqbuda – sakemm ma jigix argumentat ukoll illi t-talba li ghamel l-intimat ghar-revoka tal-mandat tikkostitwixxi ammissjoni ta’ kemm effettivament hu ghandu interess kbir fil-vann maqbud!

5) Illi mbaghad hemm gurisprudenza konstanti li tghid li jekk xi terz jallega li l-oggett maqbud ma jkunx propjeta’ tal-intimat ezekutat f’dak il-mandat izda propjeta’ tieghu, hu jrid jipprocedi b’kawza *ad hoc* (rikors guramentat), u mhux b’semplici rikors fl-atti tal-mandat. Dan il-punt diga’ gie determinat fil-kawza deciza fid-19 ta’ Dicembru, 2006 mill-Qorti tal-Magistrati, konfermata mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri fit-30 ta’ Mejju, 2007 (per Onor. Imhallef Philip Sciberras), fl-ismijiet *Rita Vella f’isem u ghan-nom ta’ Helen Williams vs (1) Connie Borg Berquist u (2) b’digriet tat-30 ta’ Mejju, 2005 Av. Dr Leslie Cuschieri gie nominat kuratur sabiex jirraprezenta lill-assenti Colin Corhart*, fejn inghad illi :

**“F’din l-istanza mhuwiex l-intimat hekk kwalifikat li qed jagixxi izda terz li allega li kellu proprjeta’ tieghu ingustament affettwata bil-hrug tal-Mandat. F’dawn ic-cirkostanzi t-terz ma jistax jagixxi b’rikors izda b’kawza ‘ad hoc’ ……….. “.**

6) Kif rajna pero’ t-terz ma ghamel xejn, propju ghax it-terz (Carmel Montebello) li konvenjentement qed jinqeda li bih l-intimat ezekutat m’ghandu l-ebda interess

fil-vann maqbud ghax dan bieghu lill-intimat Roque Polidano.

7) Kwantu ghat-talba li l-mandat odjern ghandu jigi revokat ghax l-intimat jahdem bhala bennej u jehtieg il-vettura ghall-ghixien tieghu, jigi rilevat bir-rispett li anke’ r-rikorrent jehtieg is-somma dovuta lilu minn Roque Polidano ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu. Kieku l-Qorti kellha taccetta din il-linja ta’ ragunament, kieku allura tista’ tghid li jkun bil-bosta l-mandati li jigu revokati, u l-esekuzzjoni jew il-kawtelar tal-krediti dovuti jigu rez fix-xejn.

8) Illi wkoll l-artikolu 293(1) tal-Kap. 12 jistipula liema huma l-hwejjeg li m’humiex suggetti ghall-qbid, u hu car daqs il-kristall li t-talba tal-intimat ezekutat ma taqax fil-parametri ta’ dan l-artikolu. Kwindi din il-Qorti ma tistax taghti decizjoni li tmur kontra dak li hemm fil-ligi.

9) Illi ghaldaqstant it-talba ghar-revoka tal-mandat ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-intimat ezekutat.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, waqt is-smigh ta’ dan ir-rikors gew prodotti diversi dokumenti kif ukoll instemghet ix-xhieda kemm ta’ Carmel Montebello (fol 22 et seq ibid) u tal-istess rikorrent minn jeddu, Roque Polidano (fol 25 ibid). Skond Carmel Polidano dan isostni li l-vettura soggetta ghall-mandat kawtelatorju ta’ qbid, in esami ghadu tieghu sallum. L-istess xhud wara li xehed li ma kien bieghu lil hadd, wara qal illi fil-fatt kien bieghu lir-rikorrenti madwar tlett snin qabel. Avolja ma setax jiftakar kemm kien il-prezz, dan kien thallas kollu anke bit-tpartit u saret ‘kitba’ bejnu u r-rikorrenti. Cjononostante hu kien qed jirrifjuta li jirregistra t-trasferiment tal-istess vettura mal-Awtorita’ kompetenti peress li “…. hemm affarijiet ohra (bejnu r-rikorrenti) li qabel ma jissettiljaw ruhhom jiena mhux ser naccetta

naghmel it-'transfer'". Ghalhekk hu kien ta l-istess vettura lir-rikorrenti "......... bi pjacir". Sussegwentement jigi notat li l-istess xhud beda jhawwad fix-xhieda tieghu kif jirrisulta mill-kontro-ezami tieghu specjalment dwar il-hlas o meno tal-prezz.

Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti ma hiex ser takkolja it-talba in esami stante li –

(a) jekk Hi kienet ser taccetta dak premess fir-rikors in esami in konnessjoni mat-tieni (2) kambjali, dan ifisser illi r-rikors in esami sar skond kif trid il-ligi. Difatti jidher car illi kellu jkun l-istess Carmel Montebello li kellu jadixxi l-Qorti, permezz ta' dak specifikat fil-ligi, proceduralment, sabiex jinghata rimedju ghal din is-sitwazzjoni pjuttost imhabbla u mhawwda fil-fehma ta' din il-Qorti, u kkreata mill-istess rikorrenti u Carmel Montebello. Ghalhekk fuq din il-bazi kien jkun sufficjenti sabiex r-rikors in esami jigi skartat.

(b) Pero' xorta wahda, il-Qorti kkonsidrat l-ewwel (1) kambjali u minn ezami tal-artikolu relattiv tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jidher car illi l-vettura in esami ma tinkwadra fl-ebda wiehed mill-oggetti li ma jistghu jkunu soggetti ghal mandat bhal dak in esami (ara l-artikolu 304 ibid).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba kif dedotta mill-istess rikors bl-ispejjes jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------